


# Il-Fundatur ewlieni tal-Parroċċa Mostija

Minn Joseph Borg

Bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna, il-Mosta qed tiċċelebra l-400 sena bħala Parroċċa. 400 mitt sena u iżjed ukoll taħt il-ħarsien matern tal-Verġni Marija Assunta. Erba' sekli ta' storja minsuġin minn telf u rebħ, niket u ferħ. Alla biss jista' jkejjel il-ġid kbir kemm spiritwali u kemm materjali li ħareġ mit-twaqqif tagħha sal-lum. Bħal ġnien warrdet u kibret u mtliet bin-nies, bla qatt ma ħarset lura.

Kien sewwa sew nhar is-16 ta' Settembru, 1608 meta l-Mosta nfirdet mill-Matriċi tan-Naxxar. F'dak il-jum imbiegħed, il-Mosta kellha biss 900 ruħ joqogħdu fiha. Illum tgħodd 19,000 ruħ u saret għalhekk l-ikbar parroċċa ta' l-Arċidjoċesi Malitja, imżejna bi Knisja tassew monumentali, simbolu ta' l-imħabba u l-fidi ta' Komunita' Nisranija, fqira iva imma bieżla u ġeneruża, tħares 'il quddiem lejn il-ġejjieni.

Kellha fl-imgħoddi u għad għandha llum għadd sabiħ ta' saċerdoti frott tal-familji tajbin li kellha tul is-snin. F'kull qasam ieħor tal-ħajja u f'kull fergħa ta' l-arti, fil-politika u saħansitra fl-isport, il-Mosta tagħna kellha u għad għandha irġiel u nisa li jagħmlulha unur, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna. F'għeluq l-400 sena tagħha meta naraw dan il-ġid kollu msawwab fuqha jkollna bilfors inħarsu lejn dak il-bniedem li bir-rieda tiegħu għolla l-knisja ewlenija ta' Santa Marija Assunta li kien hawn fil-Mosta għad-dinjita' ta' Knisja Parrokkjali. Dan il-bniedem ma kien ħadd ħlief l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien - l-Isqof Tumas Gargallo.




*L-Isqof Tumas Gargallo li waqqaf il-Mosta f'Parroċċa għaliha*

## Min kien l-Isqof Tumas Gargallo?

L-Isqof Spanjol Gargallo twieled fil-Katalonja, sewwa sew f'Barcelona. Kien elett Isqof ta' Malta nhar il-11 ta' Awissu 1578 u dam imexxi d-Djoċesi tagħna għal 36 sena sħaħ, sa mewtu li ġrat fl-10 ta' Ġunju 1614.

Qabel ma laħaq Isqof kien il-Viċi Kanċillier ta' l-Ordni. Kien magħżul Isqof mill-Papa Gregorju X11 u kkonsagrat Isqof ġewwa Palermo. Kien ta' karattru aħrax u ġellied mill-kbar għad-drittijiet tiegħu. Għaldaqstant tul il-veskovat twil tiegħu, kellu xi jgħid mal-Gran Mastri La Cassiere, Verdalla u Garzes, mal-ġurati Maltin u mal-membri tal-Kapitlu tal-Katidral u tal-Kleru. L-uniku Gran Mastru li miegħu ma

kellux xi jgħid kien ma' Fra Alof de Wignacourt.

Imma ta' min jgħid ukoll li kien bil-ħidma tiegħu li l-Papa Klement V111 ta l-permess sabiex fl-1592 jinbena ġewwa l-Belt Valletta il-Kulleġġ tal-Ġizwiti sabiex fih jiġu mħarrġin żgħażagħ imsejħin għall-ħajja saċerdotali. Dan il-bini kien sar flok is-Seminarju tant propost li jkun hemm f'kull djoċesi mill-Konċilju ta' Trentu. Dan l-isqof għen ukoll fil-bini tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.

**Fundatur ta' 13-il Parroċċa**

L-Isqof Gargallo żgur li jibqa' magħruf għan-numru sabiħ ta' parroċċi li waqqaf tul il-veskovat tiegħu. Dawn huma l-parroċċi ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta (1571), Ħ'Attard (1575), L-Isla (1581), Bormla (1584), San Pawl tal-Belt Valletta (1585), Il-Madonna Damaxxena tal-Belt Valletta (1587), Ħal-Kirkop (1592), Ħal-Tarxien (1592), Ħal-Lija (1594), l-Imqabba (1598), Ħal-Safi (1598), Il-Mosta (1608), u Ħal-Għargħur (1610).

Baqa' magħruf għall-ħeġġa tiegħu li wera fil-ħafna zjajjar pastorali tiegħu li għamel fis-snin 1579, 1585, 1588, 1592 - 94, 1598, 1604 u 1608. Sejjaħ ukoll żewġ sinodi djoċesani fil-Knisja Katidrali, wieħed fil-21 ta' April, 1591 u l-ieħor fit-13 t'April 1614, proprju ftit qabel miet fl-10 ta' Ġunju 1614. Miet fid-dar li kellu fuq l-għolja ta' Santa Margherita barra l-Birgu fl-10 ta' Ġunju 1614 u difnuh fil-Knisja tal-Ġizwiti tal-Belt Valletta.

**Id-Digriet ta' Gargallo ta' l-1608** - 16 ta' Settembru, 1608

'Billi fil-Paroċċa tan-Naxxar hemm joqogħdu 1,100 ruħ, u minn dawn 800 jistgħu jqerru u jitqarbnu, il-Kappillan, minħabba l-bogħod, ma jistax ilaħħaq ma' l-Amministrazzjoni tas-Sagramenti. Bl-esperjenza twila li għandna, dan rajnieh sewwa waqt li konna qed nagħmlu l-viżta pastorali. Barra minn hekk, inħoss il-bżonn li għandhom dawk tar-raħal tal-Mosta, fejn hemm 180 familja li jġibu b'kollox xi 900 ruħ. Fil-fatt, il-Mosta hi xi tliet mili 'l bogħod mill-Knisja Parrokkjali u t-triq għan-Naxxar hi kollha ġebel u fi stat ħazin.

*'Noqogħdu għall-kap 4, sessjoni 21 tal-Koncilju ta' Trento fejn hemm ir-Riforma u l-kap 'Audentiam' dwar il-bini tal-knejjes. ( Imma l-ewwelnett nistennew li jkollna l-kunsens u l-approvazzjoni tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu V u tas-Santa Sede Appostolika)*

*Aħna naqtgħu u nisseparaw mill-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar lir-raħal tal-Mosta li semmejna, b'mod li dan ma jibqax obbligat lejn il-parroċċa tan-Naxxar. Nagħżlu bħala Parroċċa l-Knisja Prinċipali ta' dak ir-raħal tal-Mosta, li hi ddedikata għal Santa Marija Assunta. Hi tibda tgawdi d-drittijiet, l-unuri, il-piżijiet u d-dħul li s-soltu jmissu lil dik li ssir parroċċa. Meta għal xi żmien, tkun vakanti għax bla Kappillan, jingħataw l-ewwel prodotti, u dawn biss, mingħajr ebda preġudizzju, lill-Kappillan tan-Naxxar ta' llum, u sakemm il-parroċċa tan-Naxxar tibqa' bil-jedd teħodhom, u mhux iżjed fit-tul.*

*Dan hu eżattament kif qtajna l-parroċċi ta' San Lawrenz tal-Belt tal-Birgu, Birkirkara, Bir miftuħ, u kif għamilna fl-eċċezzjoni tal-Parroċċi l-oħrajn li huma ta' Ħ'Attard, Ħal-Lija, Ħal-Kirkop, l-Imqabba, Ħal-Safi, Ħal-Tarxien, Bormla u l-Isla.'*

Tumas Gargallo
Isqof ta' Malta.

Din hija t-traduzzjoni bil-Malti tad-dokument bil-Latin li għamel b'attenzjoni l-istoriku Franġiskan Patri Alexander Bonnici u nsibuha mniżżla f'paġni 119 u 120 tal-Ktieb "Storja ta' Malta Fi Ġrajjiet il-Knisja"







## Digriet Mhux Esegwit Imma Qatt Irtirat

Quddiem l-oppożizzjoni qawwija tal-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg, biex il-Mosta ma ssirx parroċċa, l-Isqof Gargallo sab ruħu f'pożizzjoni li ma jesegwix id-digriet. Imma lanqas qatt ma rtirah. Kemm il-Kappillan u kemm l-Isqof inzertaw ta' karattru ġelliedi. Gargallo imma, mexa bid-diplomazija. Kien jidher li t-tmiem tal-parrokat twil ta' Dun Giljan Borg ( 1572 - 1610 ) ma kienx fil-bogħod. Fil-fatt Dun Giljan miet fl-14 ta' Lulju, 1610.

Proprju jumejn wara, nhar is-16 ta Lulju 1610, l-Isqof Gargallo ħareġ digriet ġdid biex jiġi esegwit dak ta' l-1608. Dun Ġwann Bezzina li kien Vici-Parrokku tal-Mosta f'isem in-Naxxar, sar l-ewwel Kappillan tal-Mosta. B'hekk sa fl-aħħar il-Mosta ħadet postha ma' ħutha l-parroċċi l-oħra tad-Djoċesi Maltija taħt il-ħarsien ta' Marjia Mtellgħa s-Sema. Ferħu l-Mostin ta' dak iż-żmien; nifirħu aħna llum li qegħdin infakkru dik il-ġrajja ta' 400 sena ilu.

*Referenzi*
**Bezzina Joseph** - *42 L-Istorja tal-Knisja f' Malta.* Pin - Pubblikazzjoni Indipendenza. Paġna 110.
**Bonnici Alexander O.F.M. Conv**. - *Storja ta' Malta fi ġrajjiet il-Knisja.* Paġni 118, 119, 120.
**Bonnici Arthur** - *History of the Church in Malta Second Volume.* Paġni 11, 23, 29 u 30.
**Vella E.B.** - *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha.* Paġni 70 u 71.
**Zammit Vincent / Grima Joseph** - *Il-Gran Mastri Nru. 5.* Paġna 137.



**ABRAHAM BELLIA**

**Għal kull xogħol ta' Monumenti
u skrizzjonijiet fuq l-irħam fiċ-ċimiterju.**

8th September Garage,
School Street,
Naxxar.

Tel: 21437822
Mob: 79729394




**Bob**
**Take Away**
*Joe Abela*
St. Anthony Street,
Mosta
Mob: 9949 8000
9946 1190